żewġ każi? Minn dak li diġa għedna, nifhmu li għandna ngħidu 'li 1) fil-magħmudija n-nisrani "libes" 'il Kristu, għax daħal fl-atmosfera li, b'xi mod, naqqxet fih li xbieha tiegħu, u bħala mgħaddas u mibdul fih hekk, li sar għal kollox tiegħu, ta' Kristu; 2) madankollu, hu jibqa' fid-dmir li "jilbes" jew iġedded ilbiesu fi Kristu, mhux biss għax jaħtieġlu jissielet u jitqabad biex ma jaqax minn qagħdetu, imma wkoll jaħtieġlu jitħabat u jaħdem skond il-qagħda tiegħu ta' nisrani, li fiha ġie mqiegħed mingħajr mertu tiegħu, mn'Alla, u jfittex b'ħidma u bi bżulija jieħu dik ix-xeħta ta' għemejjel li minnhom wieħed jista' jgħid, li hu jgħix b'vera għaqda, ġewwenija u ħaddemija ma' Kristu Ġesù.

Bis-sewwa kollu, immela, l-Anġelku Duttur ifisser: "Tilbes 'il Kristu" jfisser timita 'l Kristu. Għax, kif il-bniedem hu f'ilbiesu u jidher u jintgħaraf minn ilwienhom, hekk f'dak li jimita 'l Kristu jidhru l-opri ta' Kristu. Bis-sewwa kollu, għaldaqshekk, l-Appostlu S. Pawl mar jikteb lid-dixxiplu tiegħu Timoteju: "L-isbaħ u l-aħjar tiżjien għal min għandu f'qalbu l-ħniena huma, sewwa sew, l-opri t-tajba" (I Tim. 2, 10; Ara I Piet. 3, 3-4).

P. SISTI, O.F.M.

# SAN GWANN L-GHAMMIEDI
## JEW
## ID-DORBIES RAGHADI TA' GUDA

Alla, ta' safa minnu u fih innifsu, dawl hekk għammiexi li lejh ħadd ma jista' jħares u, wisq anqas, jersaq, fit-tifsila għall-wetqa tal-Fidwa tad-dinja, wara l-ħtija, sa minn dejjem wettaq ukoll ħsebijietu ta' kull safa, ta' kull dawl, ta' kull dija. Hu, li jit-paxxa qalb il-bjuda tal-ġilji, għażel Omm ta' bla ebda tebgħa: il-Mimlija bil-Grazzja, kollha Qaddisa, Ewlenija u Waħdanija fost in-nisa! Għażlilha bħala sieħeb bniedem safi bi bjuda ta' ġilju mill-aktar ifewwaħ, mimli b'im-ħabba mill-iżjed imħebba, Ġużeppi; tafa' ħarstu fuq Nazzaret, warda tfew-waħ fil-Galilija, fejn bagħat hemm l-Anġlu tiegħu ħabbâr ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb. Fl-istess waqt, sawwar bħala prekursur tal-Messija l-akbar bniedem, li qatt deher fost l-imweldin minn mara, Ġwanni! Mhux qaddsu biss sa minn ġuf ommu, mhux biss għażillu isem ta' tifsir kbir, mhux biss fassallu l-medda u l-kobor tal-missjoni li kellu jaqdi, imma wkoll qislu l-arblu tar-razza ta' nislu, ġieħ, nobbiltà u qdusija; ġieħ, nobbilta u qdusija sa mill-ġuf, u għalhekk, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' twelid, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' ħajja, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' demm u ta' qraba, u ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' ġid.

U l-Battista, l-Għammiedi mnaqqax f'din is-sura bl-iskalpell ta' l-Artista Divin jixref mit-twejqa tad-dinja, "**bħala xitla safja fiż-żmien ta' April, fiż-żiffa ħelwa ta' filgħodu titwarrad bi lwien bojod-roża!**" Ma jkunx, le, xi siġra li togħla, tixxeblek 'l hawn u 'l hinn, mimlija dejjem b'weraq iħad-dar, miżgħuda bil-ward abjad ta' riħa li tgħaxxaq u xxoqq il-qalb; ikun iż-

da xitla selvaġġa, ta' zokk imsawwaf, ta' frieghi mbixkla u b'weraq iniggżu. Ma jkunx le, warda fina li saret u trabbiet fis-serra, imma jkun warda tal-weraq ħarxa, ta' riħa qawwija li tqanqal u, sewwa sew għal dan, ikun il-warda tal-barr! Iva, il-warda tal-barr! Warda tad-deżert! Warda tax-xagħri!

**IL-BARR, SKOLA SIEWJA U FEJJIEDA TA' QDUSIJA**

Biex wieħed jista' jifhem sewwa lil Ġwanni l-Għammiedi jeħtieġlu, qabel xejn, jistaqsi jew iżur il-barr, l-għoliet, il-blat, l-għerien, l-arja, dak l-imkien, biex ngħidu hekk, li jixħet u li għenu fil-ħajja tiegħu iebsa u ta' reqqa kbira; l-imkien fejn huwa sawwar u rabba b'għaqal il-karattru dorbieżi tiegħu; l-imkien fejn huwa, donnu mil-qut minn molla, kiseb il-ħajja ta' l-axxeta mehdi f'kull waqt fil-ħwejjeġ t'Alla; l-imkien fejn huwa waqqaf l-għamara tiegħu minn fejn ikun jista' jilqa' kull tinbix li jiġih mill-oskurantiżmu ta' żmenijietu.




**Id-Dorbies Ragħadi (San Ġwann l-Għammiedi)**

L-Evanġelista San Luqa hekk ipinġilna t-tfulija u l-ewwel żogħżija ta' Ġwanni: "**It-tifel kien qiegħed jitqawwa fir-ruħ u kien jgħammar fil-barr, sal-jum li fih deher lil Iżrael**" (Luqa I, 80). Il-qdusija hija l-laqgħa flimkien ta' żewġ elementi: il-wieħed divin, il-grazzja t'Alla; u l-ieħor huwa uman, li jiġi min-naħa tal-bniedem, billi bir-rieda rajja tiegħu jilqa' ċ-ċaqliqa tal-grazzja, iħaddanha, iżommha fih bħala abitu, li jagħti lir-ruħ, mhux biss sbuħija soprannaturali, imma wkoll ħajra, setgħa u twettiq ta' ħidma b'mertu mistħoqq ukoll f'dak l-ordni fuqagħni. B'din jew minn din il-qagħda tiegħu reali, il-bniedem jogħla 'l fuq 'il fuq fis-sema tal-perfezzjoni, isir il-bniedem t'Alla, il-qaddis, l-axxeta, il-Prekursur, l-akbar tost il-profeti, il-predikatur qawwi u tal-kelma ħafifa u ta' rażan, li tidħol fil-qalb u għalhekk għammilija, isir il-martri, isir l-għammiedi, il-Battista! Ġwanni żgur minn din il-missjoni mogħtija lilu minn Alla, jitlaq u jaħrab mid-dinja, iħalli l-qraba, jitbiegħed mill-frugħat u mill-maħbuba tiegħu Għajn Karem. Il-għażla tiegħu hi waħda: igħix imwarrab, waħdu, moħbi fix-xagħri, fil-barr! Fehem sewwa, li Alla juri ruħu lil dawk ta' qalb safja fis-skiet, fil-ħajja mwarrba, fid-deżert, fil-barr! Hemm biss tista' tissaħħaħ il-qawwa ta' ruħu.

B'ħeġġa liema bħalha, Ġwanni fil-barr jitħarreġ ħajja ġdida, jissielet miegħu nnifsu, mal-ġibdiet imgħawġa

tan-natura, jgħakkes is-sensi, isallab 'il ġismu, jaħkem id-deżert u b'talb imħeġġeġ jifhem jasal għall-imħabba t'Alla tiegħu. Liebes b'mantar tas-suf tan-nagħaġ miksi b'ġild tal-ġemel siewi għal kull staġun; jiekol mill-anqas u jżomm biss ħajtu bl-ilma, ġurati u għasel tal-barr; bit-tgħakkis u bit-talb bla heda rkobbtejh saru ħorox u ibsin jgħarxu fil-kwiekeb dawlija, fejn il-aħħarnett 'l isfel . . . fil-wied ta' Terebintu . . . 'l isfel . . . 'l isfel sal-Baħar tan-Nofs! O beata solitudo! O sola beata!

## BIDLA TAL-GĦAĠEB

Iż-żmien iżda kien wasal fil-milja tiegħu! Ġesù Kristu kien diġà mhejji



**Fejn qabel kien deżert (barr).**

bħal dawk ta' ġemel; b'xagħru twil u mħabbel mixħut wara għonqu għal fuq spallejh, fommu jgedwed talb bla hedu, b'għajnejh iħarsu lejn is-sema, biex jibda l-opra tiegħu u Ġwanni, wara żmien ta' tħarriġ fil-barr, hu l-għodda siewja biex jaqdi lil Ġesù billi jiftaħlu t-triq għall-ministeru aposto-

liku tiegħu. U hekk, dik ix-xitla selvaġġa, dik il-warda ta' l-għelieqi, tidher issa taħt għamla oħra, taħt dehra mibdula! O liema bidla! Ġwanni, imqanqal minn qawwa u ħeġġa li għaliha ma jistax jilqa', joħroġ mill-għerien tal-barr, b'ħoss ta' ragħda ta' dorbies li taħsad u tagħfas il-qalb! Xejn u ebda ħadd ma jista' jieqaflu! Għall-għajta mkarkra minn tiegħu, il-barr jirtogħod, l-għoljiet jitniżżlu, it-toroq imgħawġa jiddrittaw il-widien jimtlew, u l-wegħrija jitwittew, l-art imxabba bl-ilma, lill-ġnus imħabbra l-bxara -tajba u mgħammdin: ordni ġdid fil-ħwejjeġ jidher fid-dinja!

U l-folol mixteqin id-dawl, bil-għatx ta' l-imħabba, tat-tewba, tal-penitenza jiġrugħa l fejnu minn kull rokna tal-Lhudija. Il-kelma tiegħu taħraq, tolqot u iebsa, tmiss lil kull qalb u l-egħmejjel ta' l-indiema u tat-tewba jiftħu t-triq għat-tibdil tal-ħajja u għall-magħmudija.

**IL-ĠORDAN, KWARTIER ĠENERALI TAL-GĦAMMIEDI**

Wara t-tqanqila tal-kelma tiegħu tan-nar li ġibdet lejh ħafna mbegħdin mis-sewwa, il-Prekursur għażel bħala kwartier ġenerali tiegħu l-Ġordan: l-erwieħ huma l-kamp li magħhom jissielet, it-tewba, it-tgħakkis tal-ġibdiet tal-ġisem bil-ġibdiet ħżiena tiegħu, it-tiġdid tar-ruħ b'għemil ta' opri tajba u l-magħmudija huma l-għodda li għandu f'idejh; u waqt li jagħraf jinqeda bil-kelma ħelwa u, bħala missier, iwiddeb, ifiehem u jħajjar għall-ħajja ġdida, ma kienx jistmerr iċanfar lill-Friżin u lis-Sadducin bi kliem iebes: "**Ja wlied il-lifgħat min uriekom taħarbu mill-għadab li ġej? Agħmlu mela frott li jixraq lill-indiema**".

Mal-ħeġġa kbira ta' zelu għall-ġieħ il-Mulej kellu, Ġwanni, l-inqas stima tiegħu nnifsu, kienet tiġbed lil kulħadd l-umiltà kbira tiegħu; kien jaf wsiq sewwa li hu mhux id-dawl, imma biss żernieq, xbieha ta' dak id-Dawl li jdawwal kull bniedem fid-dinja u li "**Jiena**", kien igħid, "**ma jistħoqqlix inħollu l-qafla ta' qorqtu. Jiena ngħammidkom bl-ilma; imma jiġi min hu aqwa minni; Hu jgħammidkom b'Ruħ il-Qodos u n-nar**" (Luqa 3, 16).

Din il-ħidma ta' thejjija għall-Messija ta' Ġwanni l-Għammiedi kellha risq kbir: il-ħeġġa tiegħu għall-akbar ġieħ tal-Messija u l-umiltà kbira tiegħu stħoqqilhom li jkollhom xhieda mill-istess Messija. Ġwanni stħoqqlu jgħammed lill-istess Kristu - Messija f'dak l-istess ilma mqaddes tal-Ġordan; jara b'għaġeb tiegħu s-Sema jinfetaħ u Ruħ il-Qodos taħt għamla ta' ħamiema jinżel fuq ras Ġesù u jisma' l-leħen ta' l-Ogħla jistqarr il-għaxqa Tiegħu fuq Ibnu; u b'hekk Ġwanni l-Għammiedi għalaq ir-Rabta l-Qadima bil-bxara tat-tewba u bir-Rit tal-magħmudija u jagħti l-imfietaħ tar-Rabta l-Ġdida f'idejn Kristu, Feddej tad-dinja.

Il-missjoni ta' thejjija għat-triq tal-Messija hi b'hekk mitmuma minn Ġwanni l-Għammiedi. Bħala ġeneral kbir u ta' għaqal wara li fassal il-pjan sewwa għat-taqbida mal-għadu, jwelli bil-qalb il-kmandi tiegħu lill-Mexxej aktar żagħżugħ u qalbieni, hekk Ġwanni, għajjien minn ħidma kbira, jitbiegħed, jinħeba u jintilef.... għax id-Dawl beda jiddi fil-Palestina, għax il-Messija ġa beda l-ħidma tiegħu. "**Oportet illum crescere, me autem minui!**" Iżda l-umiltà tal-Battista, il-missjoni għolja li qeda u temm, it-tgħakkis tiegħu, il-ħeġġa u l-appostolat tiegħu, ix-xhieda li ta tal-Messija, għandu jkollhom is-sedqa, is-siġill tal-ġieħ u tal-glorja tiegħu, u sewwa sew

mill-istess Dawl, mill-istess Messija. Ġesù beda jgħid lill-ġmiegħi fuq Ġwanni: "**Xi ħriġtu taraw fil-barr? Xi qasba mejra mar-riħ? Imma xi ħriġtu taraw? Raġel liebes ilbies sabiħ? Imma dawk li jiddandnu b'ilbieshom u jintelqu għat-tgħaxxiq qegħdin fi djar isslaten. Imma xi ħriġtu taraw? Profeta? Iva, ngħidilkom; u aktar minn**



**Kuraġġjuż quddiem Erodi.**

**Profeta. Dan hu dak li fuqu miktub: 'Ara, nibgħat l-irsal tiegħi qablek, biex ihejji t-triq quddiemek'. Ngħidilkom li fost l-imweldin min-nisa ma hemm ħadd akbar minn Ġwanni l-Għammiedi**" (Luqa 7, 25-30).

**MAKERONTI**

U Ġwanni l-Għammiedi ma kienx id-dawl! . . . kien biss kewkba ta' dija mill-aktar kbira li, waqt li tkeċċi d-dlamijiet tħalli mistagħġbija f'kull min raha. Hu, Ġwanni, dejjem aktar jitbiegħed u jintesa'! . . . **Oportet illum crescere, me autem minui!** F'dan il-mixi tiegħu ta' ħabi, f'daqqa waħda jiltaqa' ma' bħima ħarxa, kiefra, moqżieża mill-aktar żienja: il-moqżież tetrarka Erodi Antipa, bin Erodi l-Kbir. Għal din il-laqgħa, l-għajjien dorbies tal-barr, jerġa' għal darb'oħra jqum fuq tiegħu . . . iħaddem dufrejh ħorox, jaħfen bejn idejh il-qabda, u jċanfar, ihedded u jwiddeb il-ħajja ta' tbaħrid, żienja, u skandaluża: "**Ma tistax**", igħidlu b'ċanfira, "**Ma tistax iżżomm miegħek 'il-mara ta' ħuk!**"

L-azzardar ta' Ġwanni b'ċanfira u theddida mill-aqwa kessaħ il-qalb ta' Erodi Antipa u ta' Erodiade; Ġwanni dlonk fehem x'seta' u kellu jiġrilu, iżda le jintreħa, imma baqa' sħiħ u qawwi, "**bħala torri li qatt ma jiġġarraf għalkemm 'ir-riħ jonfoħ qawwi!**" "Il-mibegħda mxajtna taż-żienja Erodiade, miġruħa hekk bl-ikreh f'qalbha ta' mara, u f'ġeħha ta' qisha sultana, iġġiegħel żgur lill-merħi sultan Erodi Antipa jħallas bi tpattija lil Ġwanni: arrest, ħabs u qtigħ ir-ras tal-Battista. Ras il-maqtul qaddis tinġabar tqattar id-demm f'baċil u tinġieb lis-Sultan u lill-Kbarat ta' madwaru u tkun il-mistkerrha xbieha ta' lejla ta' sfin; iżda tkun ukoll xhieda ta' għajb eern għal dinastia dgħajfa, merħija, imwaqqa' u żienja li miexja b'ġirja waħdanija għall-qerda u għall-mewt.

Erodi u Erodiade, imsejkna għaq-

da li tixhed żmien qasir li jgħaddi u malajr jasal għal agonitu, igħibu mix-xena atd-dinja, ''iħallu biss warajhom mismerrija u disprezz'', waqt li l-iġbla u l-għoljiet ta' Moab flimkien mal-palazz-fortizza ta' Makeronte, mgħeż-żeż sa jiġġarraf fuq Baħar il-Mejjet, jibqgħu bħala l-akbar monument-tif-kira mgħolli minn Alla għall-ġieħ u l-glorja li ma tinemmx ta' l-antik u rebbieħ ''dorbies ragħadi fuq l-għoljiet ta' Ġuda'' li ħalla d-dinja, f'siegħa lim a tintesa qatt, fuq l-iġbla ta' Moab.

Fuq dawn l-iġbla, fuq dawn l-għol-jiet maħruqin mix-xemx tiżreġ, u l-ħerba tal-palazz-fortizza ta' Makeron-te, sodda u artal tal-Profeta, fuq plier għoli ħafna u ħafna, hemm kitba tad-deheb li ma titħassar qatt, u li tgħid, ''FOST L-IMWELDIN MIN-NISA MA HEMM ĦADD AKBAR MINN ĠWANNI L-GĦAMMIEDI!''

P. A. CFERRA, O.F.M.

# BETANJA U S-SANTWARJI TAGĦHA

IX

Xi żewġ mili l-bogħod minn Ġeru-salem (Ġw. 11, 18) sewwa sew fuq in-naħa lvantija tal-Għolja taż-Żeb-buġ (Mk. 11, 1), tinsab il-belt ta' Betanja, li, skond it-*Talmud*, tfisser *Dar it-tamar*. Hija belt qadima ħaf-na, għax diġa tissemma fil-kitba tal-Profeta Nehemija (II Esdra, XI, 32), taħt l-isem ta' Ananija, li ġiet imgħammra mil-Lhud hekk kif reġ-għu lura mill-eżilju. Illum tissejjaħ *El-Azarîye*, isem imħassar ta' *La-zarium*, li ġie lilha mogħti mil-Lhud ikkonvertiti għad-din ta' Kristu fis-seklu IV meta dawn bnew il-ftit djar ma' dwar il-qabar ta' Lazzru li kell-hom jagħtu bidu għal din il-belt li ġiet imgarrfa għal kollox fil-gwerer ta' Vespasjanu u Titu.

Tabilfors li din il-belt kellha xi seħer għal dawk li kienu jkunu qegħ-din jivvjaġġaw bejn Ġeriku u Ġeru-salem f'dawk iż-żmenijiet imbiegħda li fihom għex Kristu. Għax milli naqraw kienet għalihom il-belt tal-mistrieħ wara vjaġġ twil. Tabilħaqq it-triq kienet twila, xi għoxrin mil; ma' tulha ma kont tiltaqa' ma' xejn ħlief mal-lukanda ''khan'' tas-Sama-ritan; kienet triq skabruża u stra-mana, b'dislivell ta' xi 1,000 metru, u biex timxiha kienet tgħajjik fiżika-ment u moralment, għax ma kontx tistenna ħlief li xi ħadd jaqbeż fuqek u jħallik, wara li jisirqek, minxur ma' l-art, imgħarrar f'demmek, kif naqraw li ġara lil dak l-imsejken tal-parabola tas-Samaritan (Luk. X, 30-38). Għalhekk kif il-vjaġġatur kien jilmaħ quddiem għajnejh l-ew-wel friegħi tas-siġar tat-tamar u l-ewwel bjut tad-djar ta' Betanja kien jieħu r-ruħ u minn qiegħ qalbu kienet toħroġ bħala tnehida ta' tiżżija ta' ħajr 'l Alla għax taħ li jtemm bis-sliema l-vjaġġ tiegħu.

Mill-qari tal-Vanġelu Mqaddes wie-ħed malajr jintebaħ li Ġesù kien iħobb jimxiha din it-triq, u ta' spiss kien jieqaf jistrieħ fil-belt ta' Betanja kull meta kien ikollu mill-Galilea jinżel għal Ġudea. Hemm kien isib id-dar, kennija u ħabiba, ta' Lazzru u ħutu, Marta u Marija. Kien f'din